KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fl-4 ta' Ġunju 2020[1]

Kawża C-514/19

Union des industries de la protection des plantes
vs
Premier ministre *et*

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Ambjent – Regolament (KE) Nru 1107/2009 – Tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Legalità ta' miżura ta' emerġenza ta' Stat Membru – Neonikotinojdi – Protezzjoni tan-naħal – Informazzjoni dwar tħassib – Direttiva (UE) 2015/1535 – Proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni – Kooperazzjoni leali – Miżuri ta' salvagwardja tal-Kummissjoni"

I. Introduzzjoni

1. Ir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti[2] jarmonizza l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi attivi u ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri unilaterali ta' salvagwardja jekk qabel ikunu qajmu tħassib dwar sustanza attiva mal-Kummissjoni u jekk il-Kummissjoni ma tadottax miżuri ta' salvagwardji tagħha stess.

2. Fil-kawża preżenti għandu jiġi kkjarifikat meta komunikazzjoni lill-Kummissjoni f'dan is-sens għandha titqies bħala espressjoni ta' tħassib. Fil-każ preżenti, Franza kkuntattjat lill-Kummissjoni fil-forma ta' komunikazzjoni skont id-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika[3], iżda ma invokatx espressament il-klawżola ta' salvagwardja tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Barra minn hekk, għandhom jiġu eżaminati r-rekwiżiti li jridu jissodisfaw il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni sabiex jiġu eskluży miżuri nazzjonali ta' salvagwardja.

1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1). L-emendi li seħħew fil-frattemp huma irrilevanti għat-talba għal deċiżjoni preliminari.

3 Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 2015, p. 1).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti

3. Ir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti ġie adottat abbażi tal-Artikolu 37(2) KE, tal-Artikolu 95 KE u tal-Artikolu 152(4)(b) KE. Dawn huma l-bażijiet legali għall-politiki komuni dwar l-agrikoltura u s-sajd (issa l-Artikolu 41 TFUE), għas-suq intern (issa l-Artikolu 114 TFUE) u għal miżuri fil-qasam veterinarju u fil-qasam tal-protezzjoni tal-pjanti li jiddevjaw mill-politika agrikola komuni u li jkollhom bħala l-objettiv dirett tagħhom il-ħarsien tas-saħħa pubblika (issa l-Artikolu 168(4)(b) TFUE).

4. L-Artikolu 114(10) TFUE jipprovdi li d-dispożizzjonijiet ibbażati fuq dan l-artikolu "għandhom, fil-każi xierqa, jinkludu klawsola ta' salvagwardja li tawtoriżża lill-Istati Membri li jieħdu għal raġuni waħda jew aktar li m' hijiex ta' natura ekonomika imsemmija fl-Artikolu 36, miżuri provviżorji suġġetti għall-proċedura tal-kontroll mill-Unjoni".

5. Skont l-Artikoli 13 u 79 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, *il-Kummissjoni*, flimkien ma' kumitat li fih ikunu rrappreżentati l-Istati Membri, għandha tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni ta' *sustanzi attivi*.

6. L-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti fih il-kriterji għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi, li b'mod partikolari jwasslu biex sustanzi attivi li jistgħu jiġu approvati la għandu jkollhom effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u lanqas ma għandu jkollhom effetti mhux aċċettabbli fuq l-ambjent.

7. L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jipprovdi li l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi tista' tkun suġġetta għal kundizzjonijiet u restrizzjonijiet. L-Artikoli 14 *et seq*. tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jirregolaw it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva, filwaqt li l-Artikolu 21 jirregola r-reviżjoni tal-approvazzjoni tagħha.

8. Skont l-Artikoli 28 *et seq*. tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, *l-Istati Membri* għandhom jawtorizzaw *prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti* abbażi ta' sustanzi attivi approvati għat-territorju nazzjonali rispettiv tagħhom. L-Artikolu 36(3) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jippermetti lill-Istati Membri jillimitaw l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew li jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni tagħhom biex inaqqsu r-riskji, b'mod partikolari minħabba tħassib rigward is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jew l-ambjent.

9. L-Artikolu 49 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti fih regola speċjali għat-tqegħid fis-suq ta' żrieragħ ittrattati. Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' żrieragħ ittrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għal dak l-użu f'mill-inqas Stat Membru wieħed. Il-Kummissjoni tista' tiddetermina derogi minn dan fil-każ ta' tħassib serju fi proċedura li tikkorrispondi għal dik fl-Artikolu 69. Madankollu, japplikaw ukoll l-Artikoli 70 u 71.

10. Indipendentement minn din ir-referenza, l-Artikoli 69 sa 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jippermettu l-adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

11. L-Artikolu 69 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jirregola l-adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza mill-Kummissjoni:

"Fejn ikun ċar li sustanza attiva approvata, aġent protettiv, sinerġist jew ko-formulant jew prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li kien awtorizzat skont dan ir-Regolament huwa probabbli li jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent, u li riskju bħal dan ma jistax jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz tal-miżuri meħuda mill-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i), għandhom jittieħdu immedjatament miżuri biex jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu u/jew il-bejgħ ta' dik is-sustanza jew ta' dak il-prodott skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3), jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jew fuq it-talba ta' Stat Membru. Qabel ma tieħu miżuri bħal dawn il-Kummissjoni għandha teżamina l-evidenza u tista' titlob opinjoni mingħand l-Awtorità. Il-Kummissjoni tista' tiffissa limitu ta' żmien li fih għandha tingħata opinjoni bħal din."

12. Skont l-Artikolu 70 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri ta' emerġenza iktar malajr f'każijiet ta' urġenza estrema.

13. L-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jikkonċerna l-kompetenza tal-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' emerġenza:

"1. Fejn Stat Membru jinforma uffiċjalment lill-Kummissjoni bil-ħtieġa għal miżuri ta' emerġenza, u ma tittieħdet l-ebda azzjoni skont l-Artikoli 69 jew 70, l-Istat Membru jista' jadotta miżuri interim ta' protezzjoni. F'dan il-każ, huwa għandu jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

2. Fi żmien 30 jum ta' xogħol, il-Kummissjoni għandha tressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 79(1) skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 79(3) bil-ħsieb tal-estensjoni, l-emenda jew it-tħassir tal-miżura interim nazzjonali ta' protezzjoni.

3. L-Istat Membru jista' jżomm il-miżuri interim nazzjonali ta' protezzjoni tiegħu sakemm jiġu adottati l-miżuri Komunitarji."

2. Id-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika

14. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika jipprevedi l-obbligu fundamentali ta' notifika fir-rigward ta' regolamenti tekniċi:

"Soġġetti għall-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw fil-pront lill-Kummissjoni kull abbozz ta' regolament tekniku, […] għandhom ukoll iħallu lill-Kummissjoni tagħmel dikjarazzjoni dwar ir-raġunijiet li jagħmlu meħtieġa l-leġislazzjoni ta' dan ir-regolament tekniku, fejn dawk ir-raġunijiet ma jkunux diġà ġew magħmula ċari fl-abbozz.

[…]

Fejn, b'mod partikolari, l-abbozz tar-regolament tekniku jfittex li jillimita l-bejgħ fis-suq jew l-użu ta' sustanza kimika, it-tħejjija jew il-prodott għal raġunijiet ta' saħħa pubblika jew għall-protezzjoni tal-konsumaturi jew tal-ambjent, l-Istati Membri għandhom jibagħtu wkoll jew sommarju jew ir-referenzi tad-data kollha relevanti li għandhom x'jaqsmu mas-sustanza, mat-tħejjija jew mal-prodott involut u ma' sostituti magħrufa u disponibbli, fejn din l-informazzjoni tkun disponibbli, u jikkomunikaw l-effetti antiċipati tal-miżura dwar is-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent, flimkien ma' analiżi dwar ir-riskju imwettaq kif xieraq b'mod konformi mal-prinċipji previsti fil-parti relevanti tat-Taqsima II.3 tal-Anness XV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4].

[...]"

15. L-Artikolu 5(5) tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika jikkonċerna r-relazzjoni mal-komunikazzjoni ta' regolamenti tekniċi fuq il-bażi ta' atti oħra tal-Unjoni:

"Meta r-regolamenti tekniċi abbozzati jagħmlu parti minn miżuri li jkunu meħtieġa li jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni fl-istadju ta' abbozz skont att Komunitarju ieħor, l-Istati Membri jistgħu jibagħtu komunikazzjoni fit-tifsira tal-paragrafu 1 skont l-att l-ieħor, sakemm jindikaw formalment illi l-komunikazzjoni msemmija tikkostitwixxi wkoll komunikazzjoni skont il-għanijiet ta' din id-Direttiva.

In-nuqqas ta' reazzjoni mill-Kummissjoni skont din id-Direttiva għall-abbozz ta' regolament tekniku ma għandux jippreġudika xi deċiżjoni li tista' tittieħed skont atti oħra tal-Unjoni."

16. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika jipprevedi eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' notifika:

"L-Artikoli 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal dawk il-liġijiet, ir-regolament u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri jew għal ftehim volontarju li permezz tiegħu l-Istati Membri:

(a) – (b) […]

(c) jagħmlu użu mill-klawsoli ta' salvagwardja li jipprovdu għalihom atti tal-Unjoni li jorbtu;

(d) […]"

B. Id-dritt Franċiż

17. L-Artikolu L. 253-8(II) tal-Code rural et de la pêche maritime (il-Kodiċi dwar l-Agrikoltura u s-Sajd Marittimu) fil-verżjoni tiegħu kif emendat bl-Artikolu 125 tal-Liġi tat-8 ta' Awwissu 2016 dwar ir-ristabbiliment tal-bijodiversità, tan-natura u tal-pajsaġġi, jipprojbixxi l-użu ta' neonikotinojdi:

"L-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanza attiva waħda jew iktar tal-familja tan-neonikotinojdi u ta' żrieragħ ittrattati b'dawn il-prodotti huwa pprojbit mill-1 ta' Settembru 2018.

[…]

Eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu II jistgħu jingħataw sal-1 ta' Lulju 2020 permezz ta' deċiżjoni konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura, għall-Ambjent u għas-Saħħa.

[…]"

4 Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifika fil-ĠU 2009, L 36, p. 84).

18. Id-Digriet Nru 2018-675 tat-30 ta' Lulju 2018, maħruġ abbażi tal-paragrafu II tal-Artikolu L. 253-8 tal-Kodiċi dwar l-Agrikoltura u s-Sajd Marittimu, dwar id-definizzjoni tas-sustanzi attivi tal-familja tan-neonikotinojdi fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (iktar 'il quddiem "id-digriet ikkontestat") daħħal l-Artikolu D. 253-46-1 fil-Kodiċi dwar l-Agrikoltura u s-Sajd Marittimu, li jispeċifika n-neonikotinojdi pprojbiti:

"Is-sustanzi attivi tal-familja tan-neonikotinojdi msemmija fl-Artikolu L. 253-8 huma: Aċetamiprid; / Klotijanidin; / Imidakloprid; / Tijakloprid; / Tijametossam."

III. Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

19. Fil-protezzjoni tal-pjanti jintużaw diversi sustanzi attivi mill-familja tan-neonikotinojdi. Għal dan il-għan, bejn l-2004 u l-2008, il-Kummissjoni approvat in-neonikotinojdi aċetamiprid, tijakloprid, klotijanidin, tijametossam u imidakloprid. Mill-inqas żewġ neonikotinojdi oħra, id-dinotefuran u n-nitenpyram, huma wkoll użati bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, iżda għadhom ma ġewx irreġistrati u awtorizzati fl-Unjoni [5].

20. Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 485/2013 tal-24 ta' Mejju 2013 [6], il-Kummissjoni kienet diġà llimitat l-użu tal-klotijanidin, tat-tijametossam u tal-imidakloprid minħabba riskji għan-naħal, għalkemm ċerti użi fuq barra baqgħu possibbli [7].

21. Fl-2016, Franza adottat il-liġi msemmija iktar 'il fuq dwar ir-ristabbiliment tal-bijodiversità, tan-natura u tal-pajsaġġi li permezz tagħha pprojbixxiet, b'effett mill-1 ta' Settembru 2018, l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanza attiva waħda jew iktar tal-familja tan-neonikotinojdi, kif ukoll l-użu ta' żrieragħ ittrattati b'dawn il-prodotti.

22. Fit-2 ta' Frar 2017, il-Gvern Franċiż ikkomunika lill-Kummissjoni abbozz tad-digriet ikkontestat, li huwa msemmi wkoll iktar 'il fuq, fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika [8], iżda mhux fuq il-bażi tal-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. F'din in-notifika, il-Gvern Franċiż iġġustifika l-projbizzjoni fir-rigward tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanza attiva waħda jew iktar tal-familja tan-neonikotinojdi u fir-rigward tal-użu ta' żrieragħ ittrattati b'dawn il-prodotti, abbażi ta' diversi studji xjentifiċi. Skont il-Gvern Franċiż, dawn "jirrikonoxxu l-impatt kbir tan-neonikotinojdi fuq organizzazzjonijiet [organiżmi] mhux fil-mira bħan-naħal, il-makroinvertibri jew anke l-għasafar". Il-Gvern Franċiż irrefera wkoll għal studju mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) li "jidentifika riskju għas-saħħa tal-bniedem (l-impatt fuq l-iżvilupp tas-sistema nervuża)".

23. Fit-tweġiba tagħha tat-3 ta'Awwissu 2017, b'referenza għar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, il-Kummissjoni ddikjarat li "taqsam it-tħassib ta' Franza dwar ċerti sustanzi attivi tal-familja tan-neonikotinojdi u l-perikli li dawn is-sustanzi attivi joħolqu għan-naħal". Hija nnutat ukoll li "l-EFSA ppubblikat konklużjonijiet dwar dawn it-tliet sustanzi attivi, kif ukoll enfasizzat riskji oħra possibbli u wasslet lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa li timplimenta restrizzjonijiet oħra". F'dan ir-rigward hija għamlet referenza għall-proċedura ta' reviżjoni li dak iż-żmien kienet għadha pendenti fir-rigward tal-approvazzjonijiet għall-klotijanidin, għat-tijametossam u għal-imidakloprid.

5 Database tal-pestiċidi tal-Unjoni (https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/public/?event=homepage&language=EN, link ivverifikata fis-27 ta' Mejju 2020).

6 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 485/2013 tal-24 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi klotijanidin, tijametossam u imidakloprid u li jipprojbixxi l-użu u l-bejgħ taż-żerriegħa trattata bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi attivi (ĠU 2013, L 139, p. 12).

7 L-adozzjoni ta' dawn ir-regoli hija s-suġġett tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2018, Bayer CropScience *et* vs Il-Kummissjoni (T-429/13 u T-451/13, EU:T:2018:280), kif ukoll l-appell pendenti minn din is-sentenza Bayer CropScience u Bayer vs Il-Kummissjoni (C-499/18 P, ĠU 2018 C 381, p. 12).

8 Proċeduri 2017/39/F (Franza).

24. Madankollu, fil-bidu tal-2018, il-Kummissjoni reġgħet approvat in-neonikotinojd aċetamiprid skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti għal perijodu ta' 15-il sena [9]. Fil-premessi l-Kummissjoni tikkonkludi:

"(10) Dwar l-użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih l-aċetamiprid, ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati. Jixraq għalhekk li l-approvazzjoni tal-aċetamiprid tiġġedded.

(11) Il-valutazzjoni tar-riskju għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-aċetamiprid hija bbażata fuq għadd limitat ta' użi rappreżentattivi, li madankollu ma jillimitawx l-użi li għalihom jistgħu jiġu awtorizzati l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-aċetamiprid. Għalhekk, jixraq li titneħħa r-restrizzjoni fuq l-użu esklussivament bħala insettiċida."

25. Il-Kummissjoni sussegwentement estendiet l-approvazzjoni tat-tijakloprid skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti minħabba proċedura ta' tiġdid pendenti, inizjalment għal sena [10] u iktar tard għal sena oħra [11], qabel ma reċentement iddeċidiet li ma ġġeddidx iktar l-approvazzjoni [12].

26. Min-naħa l-oħra, fid-29 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni pprojbixxiet l-użu tal-imidakloprid [13], tal-klotijanidin [14], u tat-tijametossam [15] abbażi tal-Artikoli 21(3), 49(2) u 78(2) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, b'effett mid-19 ta' Mejju 2018, bl-eċċezzjoni għat-trattamenti tal-għelejjel f'serer permanenti li jibqgħu f'tali serra matul iċ-ċiklu kollu tat-tkabbir tagħhom.

27. Fil-premessa 11 tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni rispettivi, il-Kummissjoni kkonkludiet li "ma jistgħux jiġu eskużi iktar riskji għan-naħal jekk ma timponix iktar restrizzjonijiet. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat livell ta' sikurezza u ta' ħarsien li jkun konsistenti mal-livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-annimali li tfittex li jkollha l-Unjoni, huwa xieraq li l-użijiet kollha fuq barra jiġu pprojbiti".

9 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/113 tal-24 ta' Jannar 2018 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva aċetamiprid skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2018, L 20, p. 7).

10 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/524 tat-28 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi Bacillus subtilis (Cohn 1872) ir-razza tal-mikrobu QST 713, identiku għar-razza tal-mikrobu AQ 713, klodinafop, klopiralid, ċiprodinil, diklorprop-P, fosetil, mepanipirim, metkonażol, metrafenon, pirimikarb, u r-razza tal-mikrobu Pseudomonas chlororaphis: MA 342, pirimetanil, kinoksifen, rimsulfuron, spinosad, tijakloprid, tijametossam, tiram, tolklofos-metil, triklopir, trineksapak, tritikonażol, u żiram (ĠU 2018, L 88, p. 4).

11 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/168 tal-31 ta' Jannar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi abamektina Bacillus subtilis (Cohn 1872) razza QST 713, Bacillus thuringiensis subspeċi Aizawai, Bacillus thuringiensis subspeċi israeliensis, Bacillus thuringiensis subspeċi kurstaki, Beauveria bassiana, benfluralin, klodinafop, klopiralid, Cydia pomonella Granulovirus (CpGV), ċiprodinil, diklorprop-P, epossikonażol, fenpirossimat, fluważinam, flutolanil, fosetil, Lecanicillium muscarium, mepanipirim, mepikwat, Metarhizium anisopliae var. Anisopliae, metkonażol, metrafenon, Phlebiopsis gigantea, pirimikarb, Pseudomonas chlororaphis razza: MA 342, pirimetanil, Pythium oligandrum, rimsulfuron, spinosad, Streptomyces K61, tijakloprid, tolklofos-metil, Trichoderma asperellum, Trichoderma atroviride, Trichoderma gamsii, Trichoderma harzianum, triklopir, trinessapak, tritikonażol, Verticillium albo-atrum u żiram (ĠU 2019, L 33, p. 1).

12 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/23 tat-13 ta' Jannar 2020 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva thiacloprid, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2020, L 8, p. 8).

13 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/783 tad-29 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva imidakloprid (ĠU 2018, L 132, p. 31).

14 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/784 tad-29 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva klotijanidin (ĠU 2018, L 132, p. 35).

15 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/785 tad-29 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva tijametossam (ĠU 2018, L 132, p. 40).

28. L-approvazzjoni għall-klotijanidin u għat-tijametossam apparentament jidhru li sadanittant skadew [16].

29. Madankollu, fit-30 ta' Lulju 2018, Franza adottat id-digriet ikkontestat, li rriżulta fil-projbizzjoni fit-territorju tagħha mill-1 ta' Settembru 2018 ta' kwalunkwe użu tal-ħames neonikotinojdi li f'dik id-data kienu approvati fl-Unjoni. It-test ta' dan id-digriet jista' jinstab fid-database tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika bid-data tal-31 ta' Awwissu 2018 [17].

30. L-Union des industries de la protection des plantes (l-Assoċjazzjoni tal-Industriji tal-Protezzjoni tal-Pjanti) qiegħda tikkontesta din il-miżura quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza). B'mod partikolari, hija tal-fehma li l-Artikolu L. 253-8 tal-Kodiċi dwar l-Agrikoltura u s-Sajd Marittimu, li d-digriet ġie adottat biex jimplimenta, jikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti.

31. Fil-kuntest ta' dan il-proċedura, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1. Meta miżura nazzjonali intiża li tirrestrinġi l-użu ta' sustanzi attivi tkun ġiet formalment innotifikata lill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-[Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika] flimkien ma', madankollu, preżentazzjoni tal-elementi li jwasslu lill-Istat Membru jqis li s-sustanza tista' tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew tal-ambjent u li, bis-sitwazzjoni preżenti tal-leġiżlazzjoni, dan ir-riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti ħlief permezz ta' miżuri adottati mill-Istat Membru, jiġifieri preżentazzjoni suffiċjentement ċara sabiex il-Kummissjoni ma tkunx tista' twettaq żball billi tqis li l-bażi tan-notifika huwa r-[Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti], allura l-Kummissjoni Ewropea tista' tqis din in-notifika bħala li ġiet ippreżentata skont il-proċedura prevista fl-Artikoli 69 u 71 ta' dan ir-regolament u, jekk ikun il-każ, tadotta miżuri addizzjonali ta' investigazzjoni jew miżuri li jissodisfaw kemm ir-rekwiżiti ta' din il-leġiżlazzjoni kif ukoll it-tħassib espress minn dan l-Istat Membru?

2. Fl-ipoteżi fejn ir-risposta għal din id-domanda tkun pożittiva, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni Nri 2018/783, 2018/784 u 2018/785 tad-29 ta' Mejju 2018 li jipprojbixxu l-użu tas-sustanzi tijametossam, klotijanidin u imidakloprid, sa mid-19 ta' Diċembru 2018, bl-eċċezzjoni tat-trattamenti għall-għelejjel f'serra permanenti tal-pjanti li jqattgħu ċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom f'tali serra, għandhom jitqiesu bħala miżuri adottati b'risposta għat-talba magħmula minn Franza fit-2 ta' Frar 2017 intiża għall-projbizzjoni ġenerali tal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanza waħda jew iktar tal-familja tan-neonikotinojdi u żerriegħa ttrattata b'dawn il-prodotti?

3. F'każ ta' risposta pożittiva għal din l-aħħar domanda, x'jista' jagħmel l-Istat Membru li, abbażi tal-Artikolu 69 tar-[Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti], ikun talab lill-Kummissjoni sabiex tadotta miżuri intiżi li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanza waħda jew iktar tal-familja tan-neonikotinojdi u żerriegħa ttrattata b'dawn il-prodotti, jekk din tilqa' biss parzjalment it-talba tiegħu peress li tirrestrinġi l-użu mhux tas-sustanzi kollha tal-familja tan-neonikotinojdi iżda ta' tlieta fosthom?

16 Database tal-pestiċidi tal-Unjoni (https://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/public/?event=homepage&language=EN, link ivverifikata fis-27 ta' Mejju 2020).

17 https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/en/index.cfm/search/?trisaction=search.detail&year=2017&num=39&fLang=MT&dNum=1.

32. L-Union des industries de la protection des plantes (UIPP), l-Union nationale de l'apiculture française (l-Assoċjazzjoni Nazzjonali Franċiża tal-Apikultura), is-Syndicat national de l'apiculture (is-Sindakat Nazzjonali tal-Apikultura), ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub għal dawn id-domandi. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrinunzjat għal proċedura orali minħabba li għandha informazzjoni biżżejjed fuq il-bażi ta' dawn l-osservazzjonijiet.

IV. L-analiżi ġuridika

33. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) l-ewwel trid tiġi interpretata qabel ma jiġu kkunsidrati l-kwalifiki ġuridiċi tal-komunikazzjoni Franċiża tat-2 ta' Frar 2017 u l-importanza tad-diversi miżuri tal-Kummissjoni meħuda fil-bidu tal-2018.

A. Interpretazzjoni u ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

34. L-ewwel żewġ domandi jikkonċernaw l-obbligi u l-miżuri tal-Kummissjoni, filwaqt li t-tielet domanda tikkonċerna l-għażliet għall-azzjoni minn Stat Membru bħala riżultat tal-miżuri tal-Kummissjoni. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn il-punti ma huwa s-suġġett tal-proċedura quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat). Għall-kuntrarju, il-kwistjoni quddiem dan tal-aħħar hija jekk il-projbizzjonijiet komprensivi imposti minn Franza fir-rigward tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bbażati fuq neonikotinojdi u fir-rigward taż-żrieragħ ittrattati bi prodotti bħal dawn humiex validi. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi identifikata l-qalba tad-domandi li huma rilevanti għall-għoti ta' deċiżjoni fil-proċedura quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat)[18]. Għal dan il-għan, huwa rrakkomandat li l-ewwel jiġi ppreżentat il-kuntest ġuridiku li jirriżulta mir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. It-tieni, jistgħu jiġu kkunsidrati l-oġġezzjonijiet tal-UIPP dwar l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

1. Il-kuntest ġuridiku tal-miżuri protettivi tal-Istati Membri rigward l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

35. Skont l-Artikoli 13 u 79 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, il-Kummissjoni, flimkien ma' kumitat li fih ikunu rrappreżentati l-Istati Membri, għandha tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi. Meta ġew adottati l-projbizzjonijiet ikkontestati, il-ħames sustanzi attivi ta' neonikotinojdi kkonċernati kienu għadhom awtorizzati kollha, għalkemm tlieta minnhom b'restrizzjonijiet sinjifikattivi.

36. Peress li l-Unjoni ma bbażatx ir-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti fuq il-kompetenza ambjentali tal-Artikolu 192 TFUE, Franza ma tistax tiġġustifika l-projbizzjonijiet inkwistjoni bħala miżuri protettivi iktar stretti skont l-Artikolu 193 TFUE.

37. Madankollu, prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bbażat fuq sustanzi attivi approvati xorta waħda jeħtieġ l-approvazzjoni mill-Istat Membru rispettiv skont l-Artikoli 28 *et seq*. tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti qabel ma jkun jista' jitqiegħed fis-suq u jintuża fit-territorju tiegħu. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 36(3) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jippermetti lill-Istati Membri jillimitaw l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni tagħhom biex inaqqsu r-riskji, b'mod partikolari minħabba tħassib rigward is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jew l-ambjent.

18 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, I.N. (C-897/19 PPU, EU:C:2020:262, punt 43).

38. Sa fejn tipprojbixxi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom in-neonikotinojdi, il-leġiżlazzjoni Franċiża tista' *prima facie* tkun leġiżlazzjoni fis-sens tal-Artikolu 36(3) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tippermettix li jiġi pprojbit it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ttrattata bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, mill-osservazzjonijiet tal-UIPP jirriżulta wkoll li l-awtorità regolatorja Franċiża tkompli tadatta l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bbażati fuq neonikotinojdi fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u tipprovdi informazzjoni lill-kumpanniji kkonċernati dwar il-projbizzjoni nazzjonali fuq l-użu tagħhom b'mod addizzjonali biss. L-importanza ta' din il-prattika fid-dawl tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni għadha ma hijiex ċara.

39. Forsi din hija r-raġuni għaliex il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jagħmel biss domandi dwar l-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Skont dan l-artikolu, Stat Membru jista' jieħu miżuri provviżorji ta' salvagwardja wara li jkun informa uffiċjalment lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa tal-miżuri ta' emerġenza u jekk il-Kummissjoni nnifisha ma tkunx ħadet dawn il-miżuri abbażi tal-Artikoli 69 jew 70. F'dan il-każ, huwa għandu jinforma immedjatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

40. L-Artikolu 71(2) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jistipula li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-kumitat regolatorju rilevanti l-kwistjoni dwar l-estensjoni, l-emenda jew it-tħassir tal-miżuri provviżorji nazzjonali ta' salvagwardja fi żmien 30 jum ta' xogħol.

41. Finalment, l-Artikolu 71(3) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jippermetti lill-Istat Membru jżomm il-miżuri provviżorji nazzjonali ta' salvagwardja tiegħu sakemm jiġu adottati l-miżuri tal-Unjoni.

42. Għaldaqstant, l-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jipprevedi diversi stadji. Jekk jara ħtieġa għal azzjoni, Stat Membru għandu l-ewwel jirriferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni u jagħtiha l-opportunità li tindirizza t-tħassib tiegħu. Stat Membru jista' jieħu miżuri huwa stess fil-każ biss li l-Kummissjoni ma taġixxix u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kollha. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, dawn imbagħad għandhom flimkien jiddeċiedu b'mod vinkolanti, f'kumitat, jekk il-miżuri tal-Istat Membru humiex iġġustifikati [19].

43. Barra minn hekk, ir-referenza għal miżuri skont l-Artikolu 69 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) turi li l-ħtieġa ta' miżuri ta' emerġenza tal-Istat Membru għandha tkun ibbażata fuq il-prerekwiżit li tiġi applikata d-dispożizzjoni msemmija l-ewwel. L-imsemmi Artikolu 69 jippermetti lill-Kummissjoni tieħu miżuri jekk ikun jista' jitqies li sustanza attiva approvata x'aktarx toħloq riskju serju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jew għall-ambjent u li dan ir-riskju ma jistax jiġi indirizzat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Istati Membri kkonċernati (fil-kuntest tal-approvazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti). L-Istat Membru jista' għalhekk jieħu l-miżuri provviżorji ta' salvagwardja biss jekk jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti [20]. It-talba għal deċiżjoni preliminari ma tindirizzax dawn il-kundizzjonijiet, iżda hija limitata għal kwistjonijiet proċedurali. Minkejja dan, wara li jingħata risposta għat-talba tiegħu, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jista' jkollu jeżamina l-imsemmija rekwiżiti sostantivi tal-miżuri nazzjonali [21].

19 Ara s-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2011, Monsanto *et* (C-58/10 sa C-68/10, EU:C:2011:553, punt 80), u tat-13 ta' Settembru 2017, Fidenato *et* (C-111/16, EU:C:2017:676, punt 41).

20 Ara s-sentenzi tad-9 ta' Settembru 2003, Monsanto Agricoltura Italia *et* (C-236/01, EU:C:2003:431, punti 106 *et seq.*), tat-8 ta' Settembru 2011, Monsanto *et* (C-58/10 sa C-68/10, EU:C:2011:553, punt 76 u 77), kif ukoll tat-13 ta' Settembru 2017, Fidenato *et* (C-111/16, EU:C:2017:676, punt 51 sa 53).

21 Ara s-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2011, Monsanto *et* (C-58/10 sa C-68/10, EU:C:2011:553, punt 79), u tat-13 ta' Settembru 2017, Fidenato *et* (C-111/16, EU:C:2017:676, punt 38).

2. Fuq l-interpretazzjoni tad-domandi tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat)

44. F'dan l-isfond, permezz tal-ewwel domanda, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq ikun jaf jekk il-komunikazzjoni Franċiża tal-abbozz tal-projbizzjoni fuq in-neonikotinojdi tissodisfax ir-rekwiżiti proċedurali sabiex titqies li hija informazzjoni fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti (ara, f'dan ir-rigward, il-parti B).

45. It-tieni domanda hija maħsuba biex jiġi ċċarat jekk ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni għad-diversi neonikotinojdi humiex miżuri tal-Unjoni fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1), li jipprekludu l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji nazzjonali ta' salvagwardja kkomunikati. Finalment, it-tielet domanda tapprofondixxi t-tieni domanda dwar jekk *partijiet* tal-miżuri nazzjonali ta' salvagwardja jistgħux jitkomplew jekk il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni jindirizzaw biss parzjalment it-tħassib tal-Istat Membru billi jillimitaw biss l-użu ta' tlieta mill-ħames sustanzi attivi (ara, fir-rigward taż-żewġ domandi, il-parti C).

3. L-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

46. L-UIPP tesprimi dubji dwar l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, billi l-leġiżlazzjoni Franċiża ma hijiex maħsuba biex tkun miżura provviżorja ta' salvagwardja, iżda hija maħsuba biex tkun permanenti. Evidentement, il-leġiżlazzjoni ma kinitx urġenti, peress li l-projbizzjoni daħlet fis-seħħ sentejn wara l-adozzjoni tal-liġi. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti hija eskluża.

47. Dan l-argument jimplika li d-domandi huma evidentement ipotetiċi u għalhekk inammissibbli, minħabba li l-kwalifika tal-projbizzjoni bħala miżura provviżorja ta' salvagwardja fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti bl-ebda mod ma qiegħda tiddaħħal inkwistjoni. Madankollu, din l-oġġezzjoni ma hijiex konvinċenti.

48. Il-kunċett ta' miżura provviżorja ta' salvagwardja fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti ma jillimitax il-forma tal-miżura meħuda. Għall-kuntrarju, in-natura provviżorja tal-miżura nazzjonali ta' salvagwardja tikkonsisti b'mod partikolari fil-fatt li għandha tiġi rriveduta minnufih mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71(2) u possibilment issostitwita b'miżura tal-Unjoni skont l-Artikolu 71(3).

49. Bl-istess mod, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti ma tistipulax li din il-kompetenza ma tistax tiġi applikata minħabba dewmien fl-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja. Għalkemm huwa minnu li l-kunċett ta' urġenza jintuża b'mod partikolari fil-verżjoni Franċiża ("mesures d'urgence"), filwaqt li l-kunċett bil-Ġermaniż ta' "Notfallmaßnahmen" jew il-kunċett bl-Ingliż ta' "emergency measures" ukoll jimplikaw ċerta urġenza, il-miżuri meħuda tard ma humiex inammissibbli sempliċement minħabba li kien imisshom ittieħdu qabel, anki jekk azzjoni urġenti hija meħtieġa.

50. Għaldaqstant, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

B. Ir-rekwiżiti proċedurali għall-invokazzjoni tal-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti minn Stat Membru

51. L-ewwel domanda hija maħsuba biex tiċċara jekk Franza ħaditx il-passi proċedurali meħtieġa biex tinvoka l-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, b'mod partikolari jekk Franza informatx uffiċjalment lill-Kummissjoni.

1. Il-kunċett ta' informazzjoni uffiċjali skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti

52. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti tirrikjedi li Stat Membru jinforma uffiċjalment lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa ta' miżuri ta' emerġenza. Huwa minnu li hemm numru ta' argumenti li jimmilitaw favur li l-komunikazzjoni tal-Istat Membru għandha, fil-forma esterna tagħha, tirreferi għal miżura ta' emerġenza skont id-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq. Madankollu, f'dan li ġej se jintwera li, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, dak li huwa kruċjali huwa jekk il-partijiet involuti jistgħux jassumu li l-interlokutori tagħhom jifhmu sewwa l-kontenut tal-komunikazzjonijiet bejniethom.

53. Fit-2 ta' Frar 2017, Franza kkuntattjat lill-Kummissjoni b'abbozz tal-leġiżlazzjoni ta' projbizzjoni, iżda bagħtet il-komunikazzjoni tagħha skont il-proċedura tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika.

54. Il-Kummissjoni tqis li komunikazzjoni bħal din tista' titqies biss bħala informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jekk l-Istat Membru jirreferi espressament għal dawn id-dispożizzjonijiet jew għall-inqas jipprova juri li l-kundizzjonijiet għal miżura ta' emerġenza Ewropea huma ssodisfatti. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni għandha thedded espliċitament li l-Istat Membru se jaġixxi unilateralment jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni Ewropea. Il-komunikazzjoni Franċiża ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti.

55. Huwa minnu li l-Kummissjoni ma tiġġustifikax kif tasal għal dawn ir-rekwiżiti għoljin, li jmorru lil hinn minn sempliċi notifika. Madankollu, bosta indikazzjonijiet dwar dan jistgħu jinstabu fid-dokumenti regolatorji rilevanti.

56. L-ewwel nett, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, hija meħtieġa informazzjoni "uffiċjali".

57. It-tieni nett, l-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika jipprovdi li l-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 5 ma japplikax għal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-klawżoli ta' salvagwardja li jinsabu f'atti legali vinkolanti tal-Unjoni.

58. B'kuntrast ma' numru ta' dispożizzjonijiet simili, l-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti ma huwiex intitolat "klawżola ta' salvagwardja", iżda l-kontenut ta' din id-dispożizzjoni jikkorrispondi għad-definizzjoni ta' klawżoli ta' salvagwardja fl-Artikolu 114(10) TFUE. Għaldaqstant, l-imsemmi Artikolu 71 għandu jitqies bħala klawżola ta' salvagwardja anki għall-finijiet tal-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika.

59. Din id-dispożizzjoni tista' għalhekk tinftiehem fis-sens li l-Istati Membri ma jistgħux sempliċement jinformaw lill-Kummissjoni, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, fil-forma ta' komunikazzjoni prevista fid-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika.

60. It-tielet nett, skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika, komunikazzjoni taħt din id-direttiva tista' wkoll tiġi ssostitwita bit-trażmissjoni ta' abbozz bħala parti mill-obbligu ta' informazzjoni bbażat fuq dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni. Jekk tiġi interpretata b'mod strett, notifika ma tistax tissostitwixxi l-komunikazzjoni l-oħra, f'dan il-każ, l-informazzjoni mogħtija skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Għall-kuntrarju, informazzjoni mogħtija taħt ir-Regolament tista' tissostitwixxi n-notifika taħt id-Direttiva.

61. Finalment, waħda mir-raġunijiet għal interpretazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet imsemmija hija li l-miżuri unilaterali ta' salvagwardja skont l-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jaffettwaw is-suq intern. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun evitat nuqqas ta' ftehim meta jintużaw il-klawżoli ta' salvagwardja. Kif tenfasizza ġustament il-UIPP, il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk tenfasizza regolarment li l-invokazzjoni ta' klawżoli ta' salvagwardja tippresupponi l-konformità mal-proċedura prevista f'dan ir-rigward [22].

62. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jintlaqgħu.

63. Il-punt tat-tluq għall-interpretazzjoni tal-karatteristika tal-informazzjoni uffiċjali għandu jkun li la l-Artikolu 71 u lanqas id-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti ma fihom regoli proċedurali speċifiċi dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni.

64. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jispeċifika l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE fit-twettiq ta' interessi leġittimi b'rabta ma' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [23]. Għalhekk, l-Artikolu 71 għandu jiġi interpretat ukoll fid-dawl ta' dan il-prinċipju.

65. F'dan ir-rigward, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(3) TUE tiddikjara espressament li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jgħinu *lil xulxin* fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali. Filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja ta' spiss tenfasizza l-obbligi tal-Istati Membri għall-kooperazzjoni leali [24], dawn l-obbligi japplikaw ukoll għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni [25].

66. Minn naħa, l-Istati Membri għandhom jaħdmu lealment mal-Kummissjoni meta jużaw din il-proċedura, iżda min-naħa l-oħra dan japplika wkoll għall-Kummissjoni (u għall-Istati Membri l-oħra). Fl-istess ħin, dan ifisser li r-rekwiżiti formali fuq iż-żewġ naħat jistgħu jaslu biss sa fejn huma meħtieġa għal kooperazzjoni effettiva.

67. Għaldaqstant, għall-applikazzjoni proċedurali tal-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti ma hijiex deċiżiva l-forma esterna tal-komunikazzjoni, iżda dak li huwa deċiżiv huwa jekk il-partijiet involuti jistgħux jassumu li l-interlokutori tagħhom jifhmu sew il-kontenut tal-komunikazzjoni.

68. Għal din ir-raġuni, hija meħtieġa wkoll interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika. Skont l-għan regolatorju ta' din id-direttiva, id-dispożizzjonijiet tagħha ma humiex immirati biex jistipulaw rekwiżiti għal informazzjoni uffiċjali skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika jfisser biss li l-informazzjoni fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti ma għandhiex tingħata *bilfors* skont id-Direttiva. Madankollu, komunikazzjoni skont id-Direttiva tista' tkun informazzjoni skont ir-Regolament. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika jikkonferma l-interpretazzjoni fid-dawl tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali. L-għan ewlieni ta' din id-dispożizzjoni huwa li tispeċifika li diversi komunikazzjonijiet ikunu superfluwi sakemm kull min ikun involut ikun konxju tal-funzjonijiet ta' komunikazzjoni.

22 Ara s-sentenzi tal-25 ta' Marzu 1999, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-112/97, EU:C:1999:168, punt 62); tat-22 ta' Ottubru 2002, National Farmers' Union (C-241/01, EU:C:2002:604, punt 60); tal-10 ta' Marzu 2005, Tempelman u van Schaijk (C-96/03 u C-97/03, EU:C:2005:145, punt 50); tas-17 ta' April 2007, AGM-COS.MET (C-470/03, EU:C:2007:213, punti 62 u 63); tat-8 ta' Settembru 2011, Monsanto *et* (C-58/10 sa C-68/10, EU:C:2011:553, punt 69); u tat-13 ta' Settembru 2017, Fidenato *et* (C-111/16, EU:C:2017:676, punt 32).

23 Ara s-sentenza tat-8 ta' Jannar 2002, van den Bor (C-428/99, EU:C:2002:3, punt 47).

24 Ara s-sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, EU:C:2005:386, punt 42), u tal-31 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-395/17, EU:C:2019:918, punt 102).

25 Digriet tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartveld *et* (C-2/88-IMM, EU:C:1990:315, punt 17), u s-sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2002, Roquette Frères (C-94/00, EU:C:2002:603, punt 93); tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra (C-200/07 u C-201/07, EU:C:2008:579, punt 41); u tal-5 ta' Diċembru 2017, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-600/14, EU:C:2017:935, punt 106).

69. Jekk ikun hemm dubji dwar dan, hija r-responsabbiltà ta' dawk kollha involuti li jiċċarawhom jew li jistaqsu dwarhom.

70. Fil-każ li ma jagħmlux il-mistoqsijiet rilevanti, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra ma jistgħux imbagħad jistaħbew wara l-fatt li xorta jista' jkun hemm dubji oħra.

71. Madankollu, l-ewwel u qabel kollox, l-Istat Membru li jinvoka l-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti għandu jintervjeni b'mod ċar jekk ikun hemm indikazzjonijiet li l-partijiet l-oħra ma jkunux fehmu r-rieda tiegħu li jagħixxi jew ir-raġunijiet għall-aġir tiegħu. Jekk jonqos milli jipprovdi tali kjarifika f'dan il-każ, dan jitqies bħala nuqqas ta' informazzjoni uffiċjali.

72. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni ta' miżura skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika hija ekwivalenti għal informazzjoni uffiċjali skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jekk l-Istat Membru jista' jassumi li l-Kummissjoni interpretatha f'dan is-sens.

2. Fuq iċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti

73. Sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli tiċċara dawn il-kriterji fir-rigward tal-kawża preżenti, kien ikun ta' għajnuna li kieku l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), jew tal-inqas Franza u l-Kummissjoni, ippreżentaw informazzjoni iktar preċiża dwar il-komunikazzjonijiet bejniethom fil-proċeduri preżenti. Għalhekk kien ikun aħjar li kieku ġew ippreżentati, b'mod speċjali, it-test sħiħ tal-komunikazzjoni ta' Franza tat-2 ta' Frar 2017 u t-tweġiba tal-Kummissjoni tat-3 ta' Awwissu 2017. Kien ikun interessanti wkoll li wieħed ikun taf jekk Franza għamlithiex ċara, fil-proċeduri li wasslu għall-adozzjoni tar-regolamenti tal-Kummissjoni tal-2018, li fil-fehma tagħha r-restrizzjonijiet proposti kienu inadegwati u li għalhekk kienet ser timponi restrizzjonijiet usa'.

74. Peress li din l-informazzjoni ma hijiex disponibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) għandu jkompli jiċċara dawn il-kwistjonijiet u għandu jeżamina fid-dawl tagħhom jekk Franza kellhiex tifhem l-imġieba tal-Kummissjoni, b'mod partikolari t-tweġiba tagħha tat-3 ta' Awwissu 2017, b'tali mod li fehmet il-komunikazzjoni ta' Franza bħala informazzjoni uffiċjali fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Jekk kien hemm xi dubji f'dan ir-rigward, Franza kellha tindirizza dan it-tħassib lill-Kummissjoni qabel ma tieħu kwalunkwe azzjoni taħt l-imsemmija dispożizzjoni abbażi tal-komunikazzjoni tagħha.

75. Madankollu, l-informazzjoni disponibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja tippermettilha tikkunsidra dan li ġej.

76. Sa fejn it-talba għal deċiżjoni preliminari tippreżenta t-tweġiba tal-Kummissjoni tat-3 ta' Awwissu 2017, jidher li din fehmet it-tħassib ta' Franza perfettament u rabtet dan it-tħassib mar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Hija kellha tifhem ukoll li t-trażmissjoni ta' abbozz ta' leġiżlazzjoni li kellha twassal għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni nazzjonali tan-neonikotinojdi diġà eżistenti kienet turi li Franza verament riedet tadotta din il-leġiżlazzjoni.

77. Madankollu, l-informazzjoni disponibbli ma tindikax li l-Kummissjoni assumiet li kien japplika l-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda referenza għal reviżjoni tal-miżuri Franċiżi skont l-Artikolu 71(2), għalkemm mill-entrata fid-database dwar id-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika jidher li l-Kummissjoni ġiet informata wara li ġiet adottata l-projbizzjoni, iżda possibbilment qabel ma daħlet fis-seħħ.

78. F'dan il-kuntest, l-argument tal-UIPP u tal-Kummissjoni li Franza ma għamlitx l-urġenza tal-miżuri ċara għall-Kummissjoni jista' wkoll ikun sinjifikattiv. Jekk dan huwa l-każ, ma hemmx raġuni għalfejn l-Kummissjoni kellha tifħem il-komunikazzjoni ta' Franza bħala informazzjoni dwar il-ħtieġa ta' miżuri ta' emerġenza.

79. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkontesta wkoll li l-komunikazzjoni ta' Franza ma indirizzatx ir-restrizzjonijiet eżistenti u imminenti fuq l-użu ta' tliet neonikotinojdi. Minħabba li l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-*ħtieġa* ta' miżuri ta' emerġenza skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, wieħed jistenna li jispjega għaliex dawn il-miżuri tal-Unjoni ma humiex suffiċjenti.

80. Madankollu, ir-rekwiżiti dwar l-għoti ta' informazzjoni għandhom ikunu raġonevoli hawnhekk ukoll. Għandu jkun biżżejjed jekk l-Istat Membru jistabbilixxi l-bażi tat-tħassib tiegħu u s-salvagwardji usa' mfittxija. Għall-kuntrarju, ma hemmx bżonn li jittratta fid-dettall kull nuqqas fil-miżuri eżistenti.

81. B'mod partikolari, f'dan l-istadju ma huwiex neċessarju li tingħata ġustifikazzjoni komprensiva li tkun tiflaħ għal reviżjoni skont l-Artikolu 71(2) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Fil-fatt, fid-data tal-informazzjoni uffiċjali, id-definizzjoni preċiża tal-miżuri tal-Istat Membru u r-reviżjoni tagħhom ikunu għadhom pendenti, u għalhekk ikun għad hemm l-opportunità li l-ġustifikazzjoni tiġi kkompletata fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-kumitat responsabbli.

82. Madankollu, ikun fl-ispirtu ta' kooperazzjoni leali jekk, fit-tweġiba tagħha għall-informazzjoni mill-Istat Membru, il-Kummissjoni tesprimi d-dubji li jista' jkollha. Reazzjoni bħal din ġeneralment għandha twassal għal djalogu dwar il-ħtieġa tal-miżuri ta' salvagwardja mixtieqa, li għalkemm ma huwiex previst espressament fl-Artikolu 71 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, jista' jkun biss ta' benefiċċju għal approċċ ikkoordinat.

3. Fuq il-komunikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja Franċiżi

83. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li t-tieni sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti tirrikjedi wkoll li l-Istat Membru jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni minnufih jekk jieħu xi miżuri. Din l-informazzjoni hija ta' importanza kruċjali peress li twassal għar-reviżjoni tal-miżura skont l-Artikolu 71(2). Għalhekk jista' jiġi preżunt li din l-informazzjoni hija prerekwiżit għall-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' salvagwardja [26].

84. Billi t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi l-ebda indikazzjoni dwar dan, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jista' jkun meħtieġ jivverifika jekk Franza tatx lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biżżejjed informazzjoni dwar il-miżuri ta' salvagwardja meħuda skont id-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika [27].

26 Ara b'mod partikolari s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Monsanto *et* (C-58/10 sa C-68/10, EU:C:2011:553, punt 72 u 73), iżda wkoll is-sentenzi tat-8 ta' Jannar 2002, van den Bor (C-428/99, EU:C:2002:3, punt 45 sa 47); tat-22 ta' Ottubru 2002, National Farmers' Union (C-241/01, EU:C:2002:604, punt 60); tal-10 ta' Marzu 2005, Tempelman u van Schaijk (C-96/03 u C-97/03, EU:C:2005:145, punt 50); u tas-17 ta' April 2007, AGM-COS.MET (C-470/03, EU:C:2007:213, punti 62 u 63).

27 Ara l-punt 29 iktar 'il fuq.

4. Konklużjoni ad interim

85. B'konklużjoni, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-komunikazzjoni ta' miżura skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-proċedura ta' notifika hija ekwivalenti għal informazzjoni uffiċjali skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71 (1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti jekk l-Istat Membru jista' jassumi li l-Kummissjoni interpretatha f'dan is-sens. Il-qorti kompetenti għandha tiċċara jekk dan jistax jiġi preżunt fil-kawża prinċipali, filwaqt li jittieħed kont sħiħ tal-komunikazzjonijiet bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni.

C. Fuq il-miżuri tal-Kummissjoni

86. It-tieni u t-tielet domanda huma maħsuba biex jikkjarifikaw jekk ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-diversi neonikotinojdi humiex miżuri tal-Unjoni fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, li tipprekludi l-introduzzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' salvagwardja kkomunikati.

87. Dawn id-domandi saru biss f'każ li jkun jista' jiġi preżunt li l-Kummissjoni kienet ġiet informata b'mod uffiċjali. Madankollu, għalkemm dan għad irid jiġi ċċarat mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), jagħmel sens li jiġu diskussi bħala prekawzjoni.

88. Skont id-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq, l-Istat Membru jista' jieħu miżuri provviżorji ta' salvagwardja jekk il-Kummissjoni ma tkunx aġixxiet skont l-Artikoli 69 jew 70.

89. Ma hemmx dubju li l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda miżura bbażata fuq l-Artikoli 69 jew 70 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Madankollu, fil-perijodu bejn il-komunikazzjoni Franċiża tat-2 ta' Frar 2017 u l-adozzjoni tad-digriet ikkontestat fit-30 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni, abbażi ta' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, illimitat b'mod sinjifikattiv l-użu ta' tliet neonikotinojdi, approvat neonikotinojd wieħed għal 15-il sena oħra u approvat il-bqija tan-neonikotinojdi provviżorjament b'sena [28].

90. Jekk l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti tiġi interpretata b'mod strett, dawn il-miżuri jkunu irrelevanti għall-kompetenza ta' Franza taħt din id-dispożizzjoni, peress li huma biss il-miżuri ta' emerġenza previsti fl-Artikoli 69 u 70 li huma indikati bħala miżuri li jipprekludu l-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Membri.

91. Madankollu, fuq dan il-punt, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti għandha tiġi interpretata wkoll skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali. Għandu jitqies ukoll l-għan ta' armonizzazzjoni tar-Regolament. Għalhekk ma hijiex kwistjoni tal-forma li biha taġixxi l-Kummissjoni, iżda l-kwistjoni hija biss dwar jekk din tal-aħħar tieħux miżuri biex tindirizza t-tħassib tal-Istat Membru. Għaldaqstant, il-miżuri fit-tul tal-Unjoni li jindirizzaw ir-riskju inkwistjoni jipprekludu *a fortiori* l-miżuri nazzjonali.

92. Fid-dawl ta' dan, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-imidakloprid, tal-klotijanidin u tat-tijametossam għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala miżuri tal-Kummissjoni fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti. Fil-fatt, skont il-premessa 11 tat-tliet Regolamenti ta' Implimentazzjoni, ir-restrizzjonijiet huma bbażati fuq tħassib rigward is-sigurtà ta' dawn is-sustanzi attivi.

93. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni ta' Franza tat-2 ta' Frar 2017, anki jekk għandha tiġi rrikonoxxuta bħala informazzjoni fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, ma tistax tiġġustifika deroga mit-tliet miżuri sussegwentement adottati mill-Kummissjoni.

28 Ara l-punti 24 *et seq.* iktar 'il fuq.

94. Jekk Franza hija tal-fehma li dawn ir-restrizzjonijiet ma humiex biżżejjed, dan l-Istat Membru għandu, permezz ta' informazzjoni uffiċjali ġdida skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti, jiftaħ mill-ġdid il-proċedura prevista f'dan l-artikolu. Dan jagħti l-opportunità lill-Kummissjoni biex tipprevjeni miżuri Franċiżi unilaterali milli jaffettwaw is-suq intern, jew billi tissikka l-miżuri tagħha stess jew billi topponi l-pożizzjoni Franċiża.

95. L-urġenza tal-miżuri Franċiżi ma tistax tiġi kkunsidrata kontra dan ir-rekwiżit, peress li dawn il-miżuri ġew adottati biss f'Lulju 2018, jiġifieri xahrejn wara l-adozzjoni tar-Regolamenti tal-Kummissjoni. Kien faċilment possibbli li matul dan il-perijodu tingħata informazzjoni uffiċjali lill-Kummissjoni.

96. Madankollu, it-tiġdid b'mod definittiv tal-approvazzjoni tal-aċetamiprid u l-estensjoni provviżorja tal-approvazzjoni tat-tijakloprid juru li l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda miżura b'rabta ma' dawn is-sustanzi attivi li hija ekwivalenti għall-miżuri previsti fl-Artikoli 69 u 70 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti.

97. Fir-rigward tat-tijakloprid, l-estensjoni provviżorja ta' approvazzjoni tinkludi kwalunkwe dikjarazzjoni biex jiġu evalwati r-riskji assoċjati ma' din is-sustanza attiva. Dan huwa loġiku wkoll minħabba li l-estensjoni seħħet minħabba l-proċess pendenti ta' tiġdid, li fil-kuntest tiegħu ġew eżaminati dawn ir-riskji.

98. Barra minn hekk, l-approvazzjoni mġedda tal-aċetamiprid hija bbażata fuq il-premessa 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/113, li tikkonstata li r-rekwiżiti ta' approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti huma ssodisfatti. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li din is-sustanza attiva la għandha effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u lanqas ma għandha effetti mhux aċċettabbli fuq l-ambjent. Din id-deċiżjoni ma tindirizzax it-tħassib ta' Franza.

99. Għaldaqstant, ir-risposta għat-tieni u t-tielet domanda għandha tkun li miżuri unilaterali adottati mill-Istati Membri skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tal-pjanti huma permissibbli biss sakemm il-Kummissjoni ma tieħu l-ebda miżura wara informazzjoni uffiċjali biex tindirizza t-tħassib tal-Istat Membru. Jekk il-komunikazzjoni ta' Franza tat-2 ta' Frar 2017 għandha titqies bħala informazzjoni uffiċjali, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tas-sustanzi attivi imidakloprid, klotijanidin u tijametossam għandhom jitqiesu bħala tali miżuri. Għall-kuntrarju, it-tiġdid tal-approvazzjoni tal-aċetamiprid u l-estensjoni provviżorja tal-approvazzjoni tat-tijakloprid ma għandhomx dan l-effett.

V. Konklużjoni

100. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1. Il-komunikazzjoni ta' miżura skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika hija ekwivalenti għal informazzjoni uffiċjali skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jekk l-Istat Membru jista' jassumi li l-Kummissjoni interpretatha f'dan is-sens. Il-qorti kompetenti għandha tiċċara jekk dan jistax jiġi preżunt fil-kawża prinċipali, filwaqt li jittieħed kont sħiħ tal-komunikazzjonijiet bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni.

2. Miżuri unilaterali adottati mill-Istati Membri skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma permissibbli biss sakemm il-Kummissjoni ma tieħu l-ebda miżura wara notifika uffiċjali biex tindirizza t-tħassib tal-Istat Membru. Jekk il-komunikazzjoni ta' Franza tat-2 ta' Frar 2017 għandha titqies bħala informazzjoni uffiċjali,

ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tas-sustanzi attivi imidakloprid, klotijanidin u tijametossam permezz tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/783, 2018/784 u 2018/785 għandhom jitqiesu bħala tali miżuri. Għall-kuntrarju, it-tiġdid tal-approvazzjoni tal-aċetamiprid bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/113 u l-estensjoni provviżorja tal-approvazzjoni tat-tijakloprid bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/524 ma għandhomx dan l-effett.